17 ta' Jannar, 1950
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Joseph Born ne. *versus* Lorenzo Said ne.

**Bejgħ — Kopja-Kummissjoni — Prova — Użi Kummerċjali.**

*Huwa prinċipju ta' pratika kummerċjali illi r-riċezzjoni ta' kopja-kummissjoni, bla protesta, timporta aċċettazzjoni tal-kontenut ta' dik il-kopja-kummissjoni.*

*Meta hemm il-kopja-kummissjoni firmata u aċċettata bla protesta, allura, għal dak li jirrigwarda l-kondizzjonijiet, għandhom jiġu regolati minnha, u ma hix per regola attendibili l-prova ta' dikjarazzjonijiet verbali li huma in konflitt mal-kontenut ta' dik il-kopja-kummissjoni.*

*Imma l-kopja-kummissjoni ma hix assolutament meħtieġa għall-prova tal-bejgħ. Din il-prova tista' ssir b'mezzi oħra, ammenokkè ma jirriżultax illi l-kopja-kummissjoni fil-bejgħ partikulari ġiet kunsidrata talment mix-xerrej li ssir kważi kondizzjoni tal-bejgħ.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq indikata, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu nomine s-somma ta' £104. 17. 5, dovuti mill-konvenut għal prezz ta' 20 kaxxa "canned pine apples", mixtrija mill-konvenut u li dana rrifjuta li jirċievi, u li d-"delivery order" tagħhom tinsab depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti. Bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' April 1949 u taċ-ċedola ta' depożitu ta' l-14 ta' Lulju 1949, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Irriflettiet;

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija fis-sens li hu ma kkuntrattax mad-ditta attriċi ebda xiri tal-merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni; u fost rilievi oħra għamel anki dak li ma hemmx kopja-kummissjoni firmata minnu;

Illi l-attur xehed (fol. 18) li hu bagħat lill-konvenut kopja-kummissjoni, li ma ġietx ritornata mill-konvenut avvolja għadda żmien twil. Ma hemmx bżonn jingħad li, kif irritjena l-Imħallef Dr. Parnis, sedenti f'din il-Qorti, fit-22 ta' Mejju 1925,

fil-kawża "Mirabelli vs. Saliba", "è principio di pratica commerciale che la ricezione del doppio di commissione, senza protesta, induce l'accettazione del contenuto del documento". Għalhekk, kieku dan il-punt, ċjoè dak ta' li-spedizzjoni lill-konvenut mill-attur tal-kopja-kummissjoni, kien, bħala fatt, aċċertat, allura l-fatt tan-nuqqas tal-firma tal-konvenut ma kienx ikollu ebda importanza, għaliex kopja-kummissjoni miżmuma bla protesta tekwivali għal kopja-kummissjoni ritornata bil-firma;

Illi però, dan il-fatt ġie miċħud mill-konvenut, u għalhekk hu dubbju, konsegwentement ebda inferenza minnu ma hi legittimata fl-istat ta' l-attijiet;

Irriflettiet;

Illi però, ma hux eżatt dak li jippretendi l-konvenut illi l-bejgħ jista' biss jirriżulta mill-kopja-kummissjoni. Ma hemmx dubju li meta jkun hemm kopja kummissjoni firmata jew aċċettata bla protesta, allura l-bejgħ, għal dak li jirrigwarda l-kondizzjonijiet, għandu jiġi regolat minnha, u ma hix per regola attendibili prova ta' dikjarazzjoni verbali li hi in konflitt mal-kontenut tal-kopja-kummissjoni (ara sentenza Kummerċ, "Falzon vs. Falzon", 26 ta' Ġunju 1915), bħal, per eżempju, kieku skond id-dokument il-konsenja għandha ssir "as soon as possible", u l-pjazzista li jieħu l-ordni jassikura lix-xerrej li l-merkanzija tkun lilu konsenjata fi ħmistax il-ġurnata. Imma hu ugwalment veru illi l-kopja-kummissjoni ma hijiex meħtieġa f'mod assolut għall-prova tal-bejgħ, u din il-prova tal-bejgħ tista' ssir b'mezzi oħra (ara sentenza Kummerċ "Pirotta vs. Busuttil" tad-19 ta' Novembru 1921), ammenokkè ma jirriżultax illi l-kopja-kummissjoni fil-bejgħ partikulari ġiet kunsidrata talment mix-xerrej li ssir, kif esprima ruħu l-Imħallef Dr. Parnis, kważi kondizzjoni tal-bejgħ;

Illi fil-każ preżenti l-Qorti hi ta' fehma li l-bejgħ — anki apparti l-kwistjoni tal-kopja-kummissjoni — ġie soddisfaċentement pruvat........... Ma jirriżulta bl-ebda mod li fil-ħsieb tax-xerrej il-kopja-kummissjoni kienet kunsidrata qisha kważi kondizzjoni ta' l-operazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut fil-kwalità li fiha hu mħarrek.